16 ta' April, 1955

**Imħallef:**
**Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija *versus* Giuseppe Cassar

## Sentenza — Nullità — Serq — Mala Fede — Kundanna — Preskrizzjoni—Art. 23, 440(3), u 682 tal-Kodiċi Kriminali.

*Sentenza tal-Maġistrat li ma jkunx fiha ta' liema reat tkun sabet ħati lill-imputat, hija nulla; u l-Qorti tal-Appell tgħaddi biex tiddeċidi l-kawża hi stess, wara li tkun iddikjarat in-nullità tas-sentenza appellata.*

*Min isib oġġetti fit-triq taħt ċirkustanzi tali li juru li dawk l-oġġetti mhumiex abbandunati, u jappropja ruħu minnhom, jikkommetti serq ta' dawk l-oġġetti.*

*L-eċċezzjoni tal-imputat fis-sens li huwa kien għadu fit-terminu biex jirrapporta lill-Pulizija li huwa sab dawk l-oġġetti mhix konċil-*

*jabbli ma' ċirkustanzi tali li juru l-mala fede tal-imputat, billi juru li huwa kellu l-ħsieb li japproprja ruħu mill-oġġetti*

*Il-kundanni mhumiex preskrivibili. Għaldaqstant, min ġa kellu l-benefiċċju tal-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali għal kundanna preċedenti ma jistax jerġa jottjeni dak il-benefiċċju, avvolja jkun għadda ħafna żmien mill-ewwel kundanna.*

Il-Qorti; Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizja quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat talli f'Ħal Qormi, fl-24 ta' Diċembru, 1954, f'xi s-2 p.m., għamel serq ta' erbgħa pari kalzetti li jiswew anqas minn £1 għad-dannu ta' Manwel Cassar;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tad-9 ta' Frar, 1955, li biha kkundannat l-imputat għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien erbgħa tijiem;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

**Ikkunsidrat;**

L-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, sollevata fol. 10, hi f'lokha, għaliex il-Maġistrat naqas li jiddikjara fis-sentenza ta' liema reat l-imputat kien qiegħed jinstab ħati, kuntrarjament għall-liġi; u nuqqas simili, skond il-ġurisprudenza kostanti, iġib in-nullità tas-sentenza (App. "Pul. vs. Spiteri", 29. 2. 1936);

Għalhekk din il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni tad-difiża, u tiddikjara nulla s-sentenza appellata; u skond il-liġi, art. 440 (3) Kap. 12, tgħaddi biex tiddeċidi hi stess il-meritu tal-każ;

Ikkunsidrat;

It-teżi ta' l-imputat hi fis-sens li hu sab dawn il-kalzetti fl-art. Anki kieku kien hekk, dan fil-każ in ispeċje jammonta għal serq; għaliex, kif inhu paċifiku fil-ġurisprudenza, min isib oġġetti fit-trieq taħt ċirkustanzi tali li wieħed jista' jifhem li dawk l-oġġetti ma humiex abbandunati, u japproprja ruħu minn dawk l-oġġetti, jikkommetti serq (ara App. "Pul. vs. Filippo Mizzi", 6 ta' Frar, 1909);

F'dan il-każ, dawn kienu kalzetti ġodda għal kollox, u żgur ħadd ma seta' qatt raġjonevolment jaħseb li kienu abbandunati, ossija "res derelicta". Imbgħad, hemm

x'*jiġi osseravt li l*-post mnejn l-imputat jgħid li ġabarhom kien erbgħa jardi l-bogħod minn van adibit għat-traffiku ambulanti, li dak *il-ħin* kienet wieqfa, għall-bejgħ ta' oġġetti appuntu tal-ġeneru;

Id-difiża semmiet ukoll, fit-trattazzjoni, li l-imputat kien għadu fit-terminu ta' tliet ijiem biex jirrapporta lill-Pulizija li kien sab dawk il-kalzetti. Iżda, kif ġie rilevat *f'sentenza mogħtija mill-Maġistrat* Dottor Pasquale Frendo Azzopardi, "Pul. vs. Spiteri", 16 ta'Ottubru, 1902, konfermata *fl-Appell fit-22 ta'* dak ix-xahar, eċċezzjoni simili ma hijiex kompatibbli ma' ċirkustanzi li juru l-mala fede tal-imputat. F'dan *il-każ*, dejjem kieku, "ex hypothesi", kienet sewwa fil-fatt il-versjoni tal-imputat, ma setgħax kien hemm bwona fede; għax il-kalzetti, skond din il-versjoni, kienu ħdejn il-van, li fiha kien hemm, fost oħrajn, oġġetti simili, u l-imputat qal lis-surġent Dingli li hu kien bi ħsiebu *jżommhom*, u fix-xhieda tiegħu hu stess qal li baqa' sejjer bihom lejn id-dar, u ma marx l-Għassa. Dan juri *l-intenzjoni ta'* l-imputat *li* japproprja ruħu mill-kalzetti;

Iżda din il-versjoni tad-difiża ma hijiex aċċettabbli; għax *il-Qorti hi* soddisfatta mix-xhieda ta' Ġanni Cassar, li hi indirettament konfermata mill-inverosimiljanza tax-xhieda tal-imputat u *mill-imġieba* tiegħu meta interrogat mis-surġent Dingli, li l-imputat seraq dawk il-kalzetti minn ġo l-van;

Kwantu għall-piena;

Il-Qorti kienet tkun inklinata tagħti *lill*-imputat *il-benefiċċju* tal-*art.* 23 Kap. 12; għax *milli jidher*, l-imputat — raġel li, kif il-Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti, ma hux *nullabbjenti* — issokkomba għal tentazzjoni kważi kleptomanija ka ta' mument disgrazzjat li ġie fuqu; u l-età tiegħu ta' 75 sena, u *l-kondotta* tiegħu preċedenti mhux mgħarrqa, kienu jissuġġerixxu ċerta indulġenza lejh. Iżda hu ġa ġie kundannat għal delitt; veru li dan kien fl-1917; iżda b'liġi, art. 682 Kap. 12, il-kundanni ma jippreskrivux ruħhom, u l-art. 23 ma jistgħax jiġi applikat fejn hemm diġà kundanna preċedenti għal delitt;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi;

Billi *tiddikjara l-imputat* ħati *ta' serq* sempliċi ta' oġ-

ġetti li l-valur tagħhom ma jeċċedix tliet liri (£3); u wara li rat l-art. 297 u 298 tal-Kap. 12, tikkundanna lill-imsemmi Cassar għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien erba' tijiem.